MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1181/2005

Anthony Vella u Martu Grace Vella ghal kull interess li jista' jkollha
vs
Miriam Vella f'isimha propju u bhala rapprezentanti legittima ta' uliedha minuri George u Ian Vella, Jennifer Vella u John Vella

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Illi l-attur huwa proprjetarju esklussiv ta' ***Trademark*** konsistenti senjatament minn kliem u elementi figurattivi utilizzati fuq l-ippakkjar ta' oggetti ta' l-ikel (kampjun anness mac-citazzjoni u mmarkat "Dok A").

Illi fis-27 ta' Dicembru 2001, l-attur ottjena r-registrazzjoni ta' din it-***Trademark*** f'ismu mill-Kontrollur tal-Proprjeta`

Industrijali u din bin-numru 35528, kopja tac-certifikat tar-Registrazzjoni anness mac-citazzjoni u mmarkat "Dok B".

Illi l-konvenuti qeghdin jaghmlu uzu ta' sinjal simili ghat-***Trademark*** ta' l-attur, liema sinjal qed jintuza ghar-rigward ta' oggetti identici ghal dawk li dwarhom it-***Trademark*** ta' l-attur hija registrata (kampjun anness mac-citazzjoni u mmarkat "Dok C") u tezisti probabbilita` ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku.

Illi l-konvenuti huma konsapevoli tal-fatt illi l-applikazzjoni tat-***Trademark*** ma kienux u ma humiex awtorizzati mill-proprjetarju.

Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, il-konvenuti qeghdin jikkontravvjenu t-***Trademark*** registrata f'isem l-attur u dan bi pregudizzju ghall-istess attur bl-agir taghhom.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta hija hatja ta' kontravenzjoni ta' ***Trademark*** registrata f'isem l-attur.

2. Tordna lill-konvenuta tieqaf minnufih milli taghmel uzu minn din it-***Trademark*** registrata f'isem il-konvenut.

3. Tordna lill-konvenuta thassar, tnehhi jew tingassa s-sinjal ta' kontravvenzjoni minn fuq oggetti, materjal u hwejjeg fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha jew jekk dan ma jkunx ragjenevolment prattikabbli, taghti kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa u opportuna sabiex tizgura li ssehh il-qerda tal-haga involuta.

4. Taghti kawlunkwe provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi:

a. il-konvenuti ilhom juzaw il-marka minn qabel ma giet registrata mill-atturi;

b. il-konvenuti huma ko-proprjetarji tal-marka;

c. Ir-registrazzjoni tal-marka da parti ta' l-atturi kienet wahda illegittima billi tivvjola marka precedenti (Nru 13549) u billi kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi din il-marka tintuza miz-zewg partijiet, l-attur bl-isem 'Anthony Vella' u min-naha tal-konvenuti bl-isem ta' 'Francis Vella & Sons'.

d. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa principju ben stabbilit fil-ligi u gurisprudenza li tirrigwarda l-konkorrenza zleali u r-registrazzjoni tat-'trademarks', illi persuna in ***bona fede*** ma tistax tigi ipprojbita milli tuza isimha fuq markju, sinjal jew distintiv.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Anthony Vella fejn issemma li l-attur huwa proprjetarju esklussiv ta' ***Trademark*** konsistenti senjatament minn kliem u elementi figurattivi utilizzati fuq l-ippakkjar ta' oggetti ta' l-ikel (kampjun anness mac-citazzjoni u mmarkat "Dok A"). Illi fis-27 ta' Dicembru 2001, l-attur ottjena r-registrazzjoni ta' din it-***Trademark*** f'ismu mill-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali u din bin-numru 35528, kopja tac-certifikat tar-Registrazzjoni anness mac-citazzjoni u mmarkat "Dok B". Illi l-konvenuti qeghdin jaghmlu uzu ta' sinjal simili ghat-***Trademark*** ta' l-attur, liema sinjal qed jintuza ghar-rigward ta' oggetti identici ghal dawk li dwarhom it-***Trademark*** ta' l-attur hija registrata (kampjun anness mac-citazzjoni u mmarkat "Dok C") u tezisti probabbilita` ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku. Illi l-konvenuti huma konsapevoli tal-fatt illi l-applikazzjoni tat-***Trademark*** ma kienux ma humiex awtorizzati mill-proprjetarju. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, il-konvenuti qeghdin jikkontravvjenu t-***Trademark*** registrata f'isem l-attur u dan bi pregudizzju ghall-istess attur bl-agir taghhom. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Xehed Anthony Vella u semma li hu ghandu ***confectionery***. Qal li n-negozju ilu li beda minn zmien missieru u li meta miet huh, hu beda ghal rasu. Meta qasmu n-negozju kienu hu u huh Francis biss. Qal li huh imbaghad beda jiggestixxi negozju bhal tieghu u li t-***trademark*** saret wara li miet missieru. Hu irregistra n-negozju f'ismu personali. Qal li Miriam Vella kienet talbitu biex tirregistra emblema simili u hu ma tahiex permess, l-emblema tieghu kienet diga registrata dak iz-zmien.

In kontro-ezami qal li fi zmien missieru kien jintuza l-isem John Vella pero` l-emblema ma kenitx tintuza. Gie riferut ghall-emblema bl-isem ta' John Vella fuqha u qal li fi zmien missieru dik ma kenitx tintuza. Kienet tintuza biss meta kienu hu u huh Francis flimkien. Qal li meta kienu ser jaqsmu n-negozju bejnu u bejn huh, kienu ftehmu li l-wicc tal-mara setghu juzawh it-tnejn. Gie miftiehem ukoll li l-ismijiet kienu se jkunu Anthony Vella u Francis Vella. Ukoll rigward Ganni l-Ghawdxi jistax jintuza l-isem u

rrisponda li kien miftiehem li seta' juzaha. Gie mistoqsi jekk il-ftehim kienx li l-emblema tibqa' tintuza u jinbidlu biss John Vella ghal Anthony Vella u Francis Vella u rrisponda li iva. Qal li din l-emblema kien irregistraha u li kellu ittra ta' Miriam Vella fejn staqsietu biex tuza tali emblema.

Ippreciza li l-ftehim li kien hemm bejnu u bejn Miriam Vella kien li jzommu l-figura tal-mara imma li jitlaq l-isem ta' John Vella. Qal li l-borza kif tidher a fol 16, izda bl-isem Frans Vella bdiet tintuza wara li miet Frans. Il-ftehim ma' Miriam Vella kien li setghet tuza l-mara imma mhux l-emblema shiha.

In kontro-ezami qal li wara li miet missieru u sakemm miet Frans in-negozju kien tat-tnejn li huma. Mistoqsi ghaliex hu jippretendi li juza l-emblema hu biss meta n-negozju kien tat-tnejn qal li l-emblema ikkrejaha hu. Hu kien pinga l-qafas u l-kumplament kien iffinalizzah George Azzopardi l-***printer***. Dan id-***designer*** ma kienx thallas. Hu kien qabbdu ghan-nom tat-tnjen billi n-negozju kien taghhom it-tnejn.

Xehdet <u>Grace Vella</u> u qalet li hi fil-***business*** tghin lir-ragel taghha Anthony Vella. Il-***business*** beda originarjament minn missier ir-ragel taghha John Vella u meta miet iddecidew li jaqsmuh hu u Frans Vella. Meta kien haj Frans Vella kien juza simbolu ta' wicc ta' mara fuq kull borza li kien juza. Qalet li bhala emblema kienet registrata l-mara biss u bhala forma ta' borza qatt ma kienet registrata. Wara kien deciz li jkun hemm tibdil fl-isem u minn John Vella jsir jew Anthony Vella jew Frans Vella dejjem bil-wicc ta' mara. Qal li din l-emblema imma bl-isem ta' Anthony Vella giet registrata fl-1 ta' Dicembru, 2001 u Frans miet fl-2000. Qalet li l-konvenuta kienet marret tirregistra l-istess emblema imma bl-isem Frans Vella ghall-habta tal-2002. Qalet li ma kienx hemm oppozizzjoni meta giet registrata l-emblema bl-isem Anthony Vella.

In kontro-ezami qalet li huma ma tawx kunsens meta rcevew li gie registrat isem il-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Miriam Vella fejn issemma li n-negozji ta' manifattura ta' oggetti tal-helu inbeda minn John Vella (maghruf bhala Ganni 'l Ghawdxi) xi sittin sena ilu. John Vella kellu zewg ulied, Anthony (l-attur) u Francis (ir-ragel tal-konvenuta Miriam u missier il-konvenuti l-ohra) li kienu jahdmu mieghu f'dan in-negozju; fis-17 ta' Awissu, 1978, giet registrata l-marka tal-mara b'velu f'isem id-ditta 'John Vella Confectionery'. Wara l-mewt ta' John Vella fl-ahhar tas-snin sebghin, in-negozju intieret minn dawn iz-zewg ulied u l-istess negozju baqa jigi gestit minnhom it-tnejn bl-istess isem u marka – giet ezebita borza uzata f'dan il-perijodu u mmarkata Dok X. Illi fit-23 ta' Jannar, 2000, miet Francis Vella u halla warajh armla, il-konvenuta Miriam Vella, u ulied minuri, il-konvenuti l-ohra. L-attur Anthony Vella ma riedx ikompli bin-negozju komuni u saru diversi laqghat bejn il-partijiet u d-difensuri taghhom ta' kif ser jinqasam dan in-negozju u l-assi relattivi. Gew divizi l-ingenji u l-ghodda tan-negozju, u gie miftiehem illi l-marka tibqa' tintuza miz-zewg partijiet b'dan pero` li fid-disinn flok l-isem 'John Vella' jintuza l-isem 'Anthony Vella' mill-attur u l-isem 'Francis Vella & Sons' mill-konvenuti; iz-zewg partijiet kellhom jirregistraw dawn id-disinji. Anthony Vella applika biex jirregistra l-marka tieghu u, konformament mal-ftehim, ma saret ebda oppozizzjoni mill-konvenuti; ta min jinnota li l-istess registrazzjoni tal-marka da parti tal-attur, fir-riproduzzjoni tal-mara, fejn il-velu, hemm il-kliem '***trademark***'. Meta saret l-applikazzjoni da parti tal-konvenuti l-attur irregistra oppozizzjoni u r-registrazzjoni tal-marka giet irrifjutata. Illi l-konvenuti huma ko-proprjetarji tal-marka u d-disinn u f'kull kaz, huma kienu juzaw il-marka u d-disinn bi ftehim u ghal zmien qabel ma giet registrata mill-attur.

Xehdet Miriam Vella l-konvenuta u qalet li hi l-armla ta' Francis Vella. Qalet li dan il-***business*** kien ilu minn zmien il-genituri tar-ragel taghha. In-negozju kellu l-isem ta' John Vella u kellu l-laqam ta' Ganni l-Ghawdxi wkoll. Ilha li zzewget xi 30 sena u ftit wara l-mewt ta' missier zewgha hadu n-negozju uliedu s-subien. Hi qalet li l-borza a fol 16 kienet tintuza dak iz-zmien. Qalet li fi zmien li kienet ghadha gharusa kien hemm emblema ta' xini li

nbidel f’dak tal-mara, meta kien ghadu haj John Vella. Qalet li wara l-mewt ta’ zewgha f’Jannar 2000 kienet iltaqghet ma’ Anthony Vella u bdew jahsbu biex jifirdu n-negozju. Qalet li fil-prezenza ta’ l-avukati taghhom kienu ftehmu li jibqghu juzaw l-emblema huma bl-isem Anthony Vella u hi bl-isem Francis Vella.

In kontro-ezami qalet li huma kienu ftehmu mhux biss fuq il-mara imma fuq il-marka shiha. Qalet li meta kienet marret biex tirregistra l-emblema ma kenitx taf li Anthony Vella kien irregistraha tieghu. Qalet li hi ghadha taghmel uzu mill-emblema. Ipprecizat li l-emblema li tuza hi ghandha fuqha l-isem ta’ Francis Vella, li hi dik a fol 8 tal-process.

Xehdet Victoria Caruana u qalet li Miriam Vella hija n-neputija taghha. Hi tiftakar lil Anthony Vella u lil Francis Vella juzaw l-istess boroz, bl-istess emblema fuqhom. Ghal xi sena wara l-mewt ta’ Francis huma baqghu juzaw l-istess emblema bl-isem John Vella fuqha. Hi ma kenitx prezenti ghall-laqgha pero` wara Miriam Vella kienet qaltilha li kienet ser tibqa’ tuza l-emblema imma kellha tibdel l-isem ghal Frans Vella u n-numri tat-telefon. Il-boroz jordnawhom minghand Bonnici Press.

Xehed John Vella, it-tifel ta’ Francis Vella u qal li kellhom negozju bhala ***confectionery***. Qal li qabel ma miet missieru seba’ snin ilu, hu kellu negozju ma’ Anthony Vella. In-negozju kien bhala John Vella ***confectionery***. Qal li l-emblema a fol 16 kienu baqghu juzawha ghal sentejn wara li miet missieru ghax imbaghad zijuh kien ha decizjoni li ma jibqax maghhom fin-negozju. Qal li kienu marru ghand l-avukati u ftehmu fuq id-divizjoni, u ftehmu wkoll li l-emblema tibqa’ kif inhi u jinbidlu biss l-ismijiet. Ikkonferma li huma kienu juzaw l-emblema a fol 8 u z-ziju tieghu dik a fol 7.

Xehdet Jennifer Vella u ikkonfermat ix-xhieda ta’ huha John Vella. Hi wahda mill-werrieta ta’ Francis Vella.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi l-atturi ipprocedew bil-kaz odjern stante li sostnew li huma proprjetarji esklussivi ta' ***Trademark*** bil-***logo*** kif jidher a fol 5 tal-process. Huma sostnew li ottjenew ir-registrazzjoni ta' din it-***trademark*** bin-numru 35528 f'isem Anthony Vella. Stante li l-konvenuti qed jaghmlu uzu simili tat-***trademark*** ta' l-atturi, liema sinjal qed jintwera ghal oggetti identici, l-atturi talbu li l-konvenuta tieqaf minnufih milli taghmel uzu ta' din it-***trademark***, peress li sostnew li l-konvenuta hija hatja ta' kontravvenzjoni.

Min-naha l-ohra, l-konvenuta eccepiet li ilha tuza din il-marka minn qabel ma giet registrata mill-atturi, li huma proprjetarji tal-marka in kwistjoni. Gie eccepit ukoll li r-registrazzjoni tal-marka kienet illegittima billi tivvjola marka precedenti, bin-numru 13549, u billi kien hemm ftehim li din il-marka tintuza miz-zewg partijiet, u gie sostnut li l-konvenuti jinsabu in ***bona fide***, allura m'hemmx konkorrenza sleali.

L-artikolu 4 tal-Kap 416 jitkellem dwar ir-rifjut ta' registrazzjoni. Dan jghid:

(1) "Dawn li gejjin m'ghandhomx jigu registrati bhala ***trademarks***-

(a) sinjali li ma jinkwadrawx fit-tifsira ta' ***trademarks*** fl-artikolu 2;

(b) ***trademarks*** li huma neqsin minn kull karattru distintiv;

(c) ***trademarks*** li jikkonsistu esklussivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistghu jservu, fil-kummerc, biex ifissru ix-xorta, kwalita`, skop intiz, valur, origini geografika, zmien ta' produzzjoni ta' oggetti jew ta' ghoti ta' servizzi, jew karatteristici ohrajn ta' oggetti jew servizzi;

(d) ***trademarks*** li jikkonsistu eskluzivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li saru konswetudinarji fl-ilsien mitkellem jew fl-uzanzi bona fidi u stabbiliti ta' dak il-kummerc:

Izda ***trademark*** ma ghandhiex tigi rifjutata milli tigi registrata minhabba fil-paragrafu (b), (c) jew (d) hawn akar qabel jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni ghar-registrazzjoni, tkun fil-fatt kisbet karattru distintiv b'rizultat tal-uzu li jsir minnha f'Malta.

(2) Sinjal ma ghandux jigi registrat bhala ***trademark*** jekk ikun eskluzivament jikkonsisti-
(3) (a) fil-forma li tirrizulta mix-xorta tal-ogetti nfushom,
(b) fil-forma ta' oggetti li tkun mehtiega biex jinkiseb rizultat tekniku, jew
(c) fil-forma li taghti valur sostantiv lill-oggetti.
(3) ***Trademark*** ma ghandhiex tkun registrata jekk din-
(a) tmur kontra ***public policy*** jew il-principji accettati tal-moralita`
Jew
(b) tkun ta' tali xorta li tqarraq bil-pubbliku jew x'aktarx li tqarraq bil-pubbliku bhal dwar ix-xorta, kwalita` jew origini geografika ta' l-oggetti jew tas-servizz jew b'kull mod iehor li jkun.
(4) ***Trademark*** m'ghandhiex tigi registrata jekk jew daqskemm l-uzu taghha jkun projbit f'Malta bl-ghemil ta' xi ligi.
(5) ***Trademark*** ma ghandhiex tigi registrata fil-kazijiet specifikati, jew imsemmija fl-artikolu 5.
(6) ***Trademark*** m'ghandhiex tigi registrata jekk jew, daqskemm l-applikazzjoni ssir b'mala fide."

Jirrizulta li hemm zewg aspetti li jridu jigu analizzati, jekk ***trademark*** tkunx ta' tali xorta li tqarraq bil-pubbliku jew x'aktarx li tqarraq bil-pubbliku, bhal dwar ix-xorta, kwalita` jew origini geografika tal-oggetti jew tas-servizz, u jekk l-applikazzjoni ssir b'malafidi.

Ghalhekk, wiehed irid jara xi tfisser "jekk tqarraqx bil-pubbliku." Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-kwistjoni jek ghandhiex tigi accettata opposizzjoni ghar-registrazzjoni ta' ***trademark***, hija ibbazata fuq il-principju li dan jista' johloq konfuzjoni bejn iz-zewg ***trademarks***. Ghalhekk, l-oppozizzjoni ghar-registrazzjoni hija gustifikata. Illi gie sottolineat fil-kawza **Onor. W. Salamone noe vs Giorgio Borg noe** Vol IIIVI p.iii p.616, li l-prodotti li ghalihom ikun irid jigi applikat il-markju li tieghu tintalab ir-registrazzjoni, m'hemmx bzonn ikunu identici ghal dawk tal-parti opposta, imma huwa bizzejjed li jkunu **"*of the same description*".**

Illi gie ribadit kemm-il darba fil-gurisprudenza nostrana li mhix permessa dik l-imitazzjoni li jkollha l-potenzjalita` li tinganna l-generalita` tax-xerrejja li jixtru prodotti ta' negozjant meta riedu jixtru tal-iehor.

Kif ukoll, gie ritenut li m'hemmx bzonn l-imitazzjoni perfetta ta' ***trademark***, imma bizzejjed il-possibilta` ta' konfuzjoni. (Ara **Av. Dott. Gerald Montananro Gauci noe vs Joseph Cassar noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Ottubru 1963, **Columbus vs Lee** XXVIII – p.III, p.1057, u **G. Vella Zarb noe vs G. Portelli et noe** deciza fit-30 ta' Gunju 1936).

Fil-kawza **Onor. Walter Salomone noe vs Joseph Cassar noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Frar 1962 inghad:
"Meta wiehed ikun legittimament ghamel uzu minn markju distintiv fil-bejgh tal-merci tieghu, hu ghandu d-dritt li juzah esklussivament, u kwindi jimpedixxi lil haddiehor jaghmel uzu mill-istess markju, jew jimitahulu b'mod li jkun jista' jgib konfuzjoni bejn il-merci spacjata that il-markju u l-iehor. Liema dritt pero` jsehh in rigward ghall-merci ta' dak il-genru jew xorta li ghalihom wiehed ikun qieghed juza dak il-markju, jew li jkunu jidhlu fil-kummerc tieghu maghruf b'dak il-markju. Ma hemmx bzonn il-prova li fil-fatt, xi kumpraturi gew ingannati bil-markju imitat, imma hija bizzejjed imitazzjoni li tista' tinganna lill-konsumatur ta' diligenza ordinarja."

Dan il-principju gie ripetut f'diversi kawzi. Fil-kawza **Edgar Farrugia noe vs Frank Bonaci noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc, datata 16 ta' April 1953 inghad:
"L-element rikjest mil-ligi biex dina tistabilixxi kontrafazzjoni hu l-attitudni tal-marka imitata li twaqqa` f'ingann dwar in-natura tal-prodotti, u ghalhekk, biex ikun hemm usurpazzjoni, hu bizzejjed li jkun hemm il-possibilta` ta' konfuzjoni bejn iz-zewg marki."

F'din il-kawza saret referenza wkoll ghal kawzi ohra fosthom **Page vs Tanti Bollotti,** 15 ta' marzu 1905, u **Fleri vs Barbara,** 16 ta' Gunju 1930 Vol XIX-I-80, u Vol

XXVII-I-924. F’dawn il-kawzi, inghad li biex ikun hemm usurpazzjoni tal-marka ta’ haddiehor hu bizzejjed li jkun hemm il-possibilta` ta’ konfuzjoni bejn iz-zewg markji. In rigward ta’ dan il-punt, **Vivante** qal hekk:
“Nell apprezzare questa attitudine, il giudice deve riflettere che anche una differenza facilmente avvertita dai commercianti e dagli uomini non puo sfuggire ai consumatori, agli straneri, agli inalfabeti che formona la clientela abituale di quelle merce, e deve giudicare della possibilita che il pubblico s’inganni sull’ origine delle merce secondo la sua credulita`.” (trattato di Diritto Commerciale, ediz. Terra. Vol III pag.67 no.889).

Fil-kaz **Av. Dott. Austin Sammut noe vs Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali,** Appell Kummercjali tad-9 ta’ Dicembru 1994, titratta r-rassomiljanza tal-marka:
“Biex tista’ tinhalaq dina l-konfuzjoni mhemmx bzonn li l-imitazzjoni tkun perfetta, imma huwa bizzejjed illi mill-kumpless taghha tista’ tinganna lix-xerrej, fis-sens li dan jista’ jhallat merkanzija ta’ wiehed mal-iehor…..Ir-rassomiljanza tigi kkunsidrata mhux biss b’referenza ghall-ghajn, imma anke b’referenza ghall-widna.” (**Onor. W. Salomone noe vs Cassar,** Vol. XLVI – iii-739).

F’dan il-kuntest, ta min ighid li l-att dwar it-***trademarks*** tas-sena 2000 [Kap 416], li huwa ibbazat fuq il-***U.K. trademarks Act*** tal-1994, jiddefinixxi ***trademark*** bhala:
“kull sinjal li jista’ jigi rapprezentat b’mod grafiku u li bih jistghu jintgharfu l-oggetti u s-servizz ta’ xi impriza minn dawk ta’ imprizi ohra. Trademark tista b’mod partikolari tkun tikkonsisti fi kliem (inkluzi ismijiet personali), elementi figurattivi, ittri, numri jew il-forma ta’ oggetti jew l-ippakjar taghhom.”

L-artikolu 6 ta’ dan l-Att jistipula:
(1) “***Trademark*** m’ghandhiex tkun registrata jekk din tkun identika ma’ ***trademark*** precedenti u l-oggetti u s-servizzi li dwarhom issir l-applikazzjoni ghat-***trademark*** ikunu identici ma’ l-oggetti jew is-servizzi li dwarhom it-***trademark*** precedenti tkun protetta.”

Fis-subartikolu 2, jinghad li dan japplika wkoll fejn il-markju jkun identiku ghal iehor u jkun ser jigi registrat ghal prodotti jew servizzi simili jew jekk il-markju jkun simili ghal ***trademark*** diga ezistenti, u jista' johloq konfuzjoni min-naha tal-pubbliku inkluz il-probabilita` ta' assocjazzjoni mill-pubbliku tat-***trademark*** precedenti.

Ghar-rigward tal-marka li giet registrata mill-attur, il-marka li giet registrata hija dik a fol 5 tal-process bl-isem Anthony vella bil-***logo*** u d-disinn kif jidher hemmhekk. Illi fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi u mix-xhieda fl-atti tal-kawza li precedentement kienet tintuza l-***logo*** hekk kif tidher a fol 16, f'isem John Vella li kien il-missier ta' Anthony u Frans Vella. Izda irrizulta li din il-marka bl-isem John vella kienet qed tintuza fin-negozju, meta kien hemm Anthony u Frans Vella wara l-mewt ta' missierhom. Sussegwentement wara l-mewt ta' Frans Vella, irrizulta li sar ftehim bejn il-partijiet bl-ghajnuna ta' l-avukati rispettivi taghhom, li juzaw il-***logo*** u l-marka tal-mara, imma f'ismijiet differenti, jigifieri fl-ismijiet Anthony Vella li kellha tintuza mill-attur, u l-isem Frans Vella li kellha tintuza mill-konvenuti.

Irrizulta li fis-27 ta' Frar, l-attur ottjena r-registrazzjoni ta' din it-***trademark***, izda meta l-konvenuta marret biex tirregistra t-***trademark*** skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, irrizulta li kien hemm oppozizzjoni, u ghaldaqstant hija ma setghetx tirregistra din il-marka. Issa, fil-kaz odjern, ghalkem l-isem mhux l-istess, fis-sens li hemm differrenza fl-isem tal-persuna, izda imbaghad hemm l-istess ***logo*** tal-mara, u l-kliem ta' Ganni l-Ghawdxi ***Confectionery***, li l-partijiet ftehmu li jibqghu l-istess. Ta min isemmi wkoll li l-prodott huwa l-istess u simili, kemm dak tal-atturi u kemm dak tal-konvenuti. Din tista' taghti lok ghal konfuzjoni peress li l-oggetti huma simili. Izda, l-ingann ma jirrizultax stante li mhemmx mala fede mill-attur da parti tal-konvenuti. Tant hu hekk, li l-attur stess sostna:

"Nghid li meta konna ser niddividu n-negozju, naqsmu n-negozju bejni u bejn hija, l-ftehim li kien sar kien li l-wicc tal-mara fl-emblema nistghu nuzawha t-tnejn. Gie miftiehem ukoll li l-ismijiet ser ikunu Anthony Vella u Frans

Vella. Qed nigi mistoqsi wkoll fir-rigward ta' ganni l-Ghawdxi , jistax jintuza , u nghid li iva, dan gie miftiehem li jista' jintuza. Qed nigi mistoqsi jekk fil-ftehim meta sar proprjament, qed jigi suggerit lili kienx li l-emblema tibqa; kif inhi bl-unika differenza li John vella tinqata u ssir frans vella jew Anthony Vella, nghid li iva." (a fol 24).

Sussegwentement, f'xhieda li ta l-istess attur qal hekk:
"Mal-konvenuta, il-ftehim kien biss fuq li tista' tuza l-marka kif tidher a fol 16, imma mhux l-emblema shiha." (a fol 28).

Dan jitfa' dubju fuq il-kredibilita` tax-xhud, li donnu biddel il-verzjoni tieghu hekk kif jirrizulta minn dak enuncjat hawn fuq. Ghalhekk, mhux talli l-attur ma ppruvax il-***mala fede***, izda irrizulta mix-xhieda ta' l-attur stess li dan sar bi ftehim bejn il-partijiet. Fid-dawl ta' dak kollu enuncjat hawn fuq, il-konvenuti ma jistghux jitqiesu li ippruvaw jaghmlu xi konkorrenza sleali lill-attur, u ghalhekk, il-konvenuta mhix hatja ta' kontravvenzjoni ta' ***Trademark*** registrata.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-atturi.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------